45[illegible]

23ta' Novembru 2018

ENVIRONMENT AND PLANNING REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
23 NOV 2018
ST FRANCIS DITCH FLORIANA

**Tribunal ta' Revizjoni**
**tal-Ambjent u l-Ippjanar**
**Floriana**

| | |
|---|---|
| *Nru. ta' l-Avviz:* | *EC 209/18* |
| *Lokazzjoni:* | *Triq ta' Wied Hanzir, l/o Siggiewi* |
| *Ref. Taghna:* | |
| *Ref. Tribunal:* | |

**Anton Camilleri**

**vs**

**L-Awtorita' ta' l-Ippjanar**

L-Appellant Anton Camilleri jesponi bir-rispett:-

Illi fis-sena 2018 huwa gie notifikat bl-avviz fuq imsemmi.

Bid-dovut rispett, l-appellant ihossu aggravat minn din id-decizjoni, u ghaldaqstant qed jissottometti dan l-appell quddiem it-Tribunal ghar-Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar (it-Tribunal).

Flimkien ma' din is-sottomissjoni qed jigu annetti:-

- Kopja ta' l-Avviz ta' l-Awtorita li qed tigi appellata (Dok JA1).
- L-Ircevuta tal-hlas tad-dritt ta' l-appell (Dok JA2).

L-appellant jissottometti ghal kunsiderazzjoni tat-Tribunal dan li gej;

1.1 Illi kuntrarju ghal dak allegat fl-istess Avviz, m' huwiex minnu illi l-appellant installa taghmir ta' telekomunikazzjoni fuq il-bejt tal-kamra minnghajr il-permessi, oltre il-fatt li kull instalazzjoni li saret, jew setaghat saret, saret minn terzi li jipprovdu servizz ta' telekommunikazzjoni.

1.2 Illi l-weighbridge allegat fl-istess Avviz huwa parti mill-operat licenzjat ta' barriera, u certament ma jistax jitqies bhala zvilupp illegali stante li kull barriera tehtieg, bhala accessorju, weigh bridge.

Ghaldaqstant, l-appellant qed jitlob li l-*files* li ssir referenza ghalihom fil-process odjern jigu vverifikati mit-Tribunal u dan billi l-Awtorita' ghandha tigi mitluba sabiex tipprezenta l-*files* msemmija minnu lit-Tribunal, u in segwitu ta' dan l-istess Tribunal ghandu jhassar id-decizjoni ta' l-Awtorita u jannulla l-istess Avviz, u dana taht, u minnghajr pregudizzju ghal kull decizjoni jew provvediment iehor li joghgbu jiehu dan it-Tribunal.

Bir-Rispett,

Elenku tax-xiedha:

1. Il-Kummissarju ta' l-Artijiet u regolaturi tal-barrieri jew rappresentant jew is-successur tieghu sabiex jixhed fuq il-fatti.
2. Xhieda ohra li jistghu jixdhu fuq instalzzjonijiet tat-telekommunikazzjoni, kif ukoll ir-regolatur ta' l-istess.

**Av. Ian J. Stafrace**
**9/4 Britannia House**
**Old Bakery Street**
**Valletta**